**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 18 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 87/2020 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**AG**

**vs**

**FG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AG datat 27 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu ġewwa R mhar l-erbgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija tmienja u disgħin (24.07.1998) liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1204/1998 u dan kif jidher mill-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

2. *Illi s-separazzjoni ġiet konkluża permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Dr Reuben Debono datat wieħed u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (21/03/2013) liema kuntratt hu hawn anness ummarkat bħala Dok B.*

3. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tliett (3) itfal X li twieled X li llum huwa maġġorenni u Y li twieled Y u Z li twieldet Z dan kif jidher miċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala Dok C, D u E.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati u ma jgħixux flimkien għal aktar minn erba' (4) snin*

*matul l-aħħar ħames snin preċedenti dal-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *Illi dwar manteniment, l-esponenti jiddikjara illi a tenur tal-Artikolu 10 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni huwa jħallas manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri Izan u Elisia fl-ammont ta' tliet mitt Ewro (€300) fix-xahar liema manteniment dejjem tħallas.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tiġi umilment mitluba sabiex:*

1. *Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u dan a tenur tal-artikolu 66 A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tordna lir-reġistratur tal-qrati sabiex fi żmien imħolli għalhekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma pprezentatx risposta u ma dehritx u ghaldaqstant hija kontumaci;

Rat il-fakolta moghtija mill-Qorti lill-intimata fil-21 ta' Ottubru 2020 sabiex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Art 158(10) Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – vide fol 21;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi AG xehed (vide affidavit a fol 15) illi huwa iżżewweġ lill-martu fil-24 ta' Lulju 1998 u li minn dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal, wieħed maġorenni u tnejn minorenni. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-21 ta' Marzu 2013. Illi ma hemmx l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni u dan peress li l-partijiet illum jgħixu ħajja kompletament separata minn xulxin. Illi l-manteniment għat-tfal minuri jitħallas regolarment.

Illi l-intimata FG hija kontumaċi ( kif jirriżulta mill-verbal datat 21 ta' Ottubru 2020 a fol 21 ) u minkejja l-opportunita lilha moghtija mill-Qorti, l-intimata ghazlet li ma tintavola ebda sottomissjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-***

*separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-24 ta' Lulju 1998 (Vide dok A, fol 4) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tliet ulied, wieħed maġorenni u t-tnejn l-oħra minorenni ;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, datat 21 ta' Marzu 2013 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**